**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 30 ta` Gunju 2016**

**Kawza Nru. 10**
**Rik. Nru. 107/14 JZM**

**Wara l-mandat ta` sekwestru 1384/2009 (Dok "A") mahrug fid-19 ta` Awissu 2009 fl-ismijiet :**

**Il-Perit Raymond Vassallo ID Card 107544(M) u ghal kull interess li jista` jkollha martu Mariella Vassallo ID 2649(M)**

***kontra***

1) **Anthony Parlato Trigona ID Card 251045(M) ;**
2) **Ingrid Parlato Trigona ID Card 413348(M) ;**
3) **William Carbonaro ID Card 12045(M)**
4) **Gabriella Carbonaro ID Card 774664(M)**
5) **WCO Ltd C-41411**
6) **TPT Ltd C-41408**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors li pprezentat WCO Limited ("**<u>ir-rikorrenti</u>**") fis-<u>6 ta` Frar 2014</u> u li kien ikkonfermat bil-gurament mill-Perit William Carbonaro. Jaqra hekk :–

*1. Illi dan ir-rikors qed isir a tenur tal-artikolu 836(9) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*2. Illi fid-19 ta` Settembru 2013 il-precitati Perit Raymond Vassallo u martu Mariella Vassallo pprezentaw il-precitat mandat ta` sekwestru (Dok. "A" hawn anness), u dana sabiex, skonthom jikkawtelaw il-hlas ta` allegat kreditu ta` mitt elf euro (€100,000.00), liema kreditu, skont l-istess socjetajiet sekwestranti, huwa dovut mis-sekwestrati kollha fosthom ir-rikorrenti ;*

*3. Illi l-imsemmija Perit Raymond Vassallo u martu Mariella Vassallo, fil-mandat ta` sekwestru precitat, iddikjaraw li permezz ta` tali mandat kienu qed jikkawtelaw l-hlas ta` somma li skont huma hija dovuta minhabba "danni prezenti u futuri kkalkolati ai fini ta` dan il-mandat naxxenti minn malgestjoni u abbuz flagranti, konflitt ta` interess tad-doveri ta` diretturi fit-termini tal-Companies Act" ;*

*4. Illi permezz ta` digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti fid-19 ta` Awwissu 2009 dina l-Onorabbli Qorti ordnat il-hrug tal-precitat mandat ;*

*5. Illi l-pretensjonijiet tal-Perit Raymond Vassallo u martu Mariella Vassallo kawtelati permezz tal-mandat ta` sekwestru precitat effettivament gew dedotti permezz tal-kawza fl-ismijiet "Arkitett Raymond Vassallo pro et nomine vs Anthony Parlato Trigona et" rikors numru 842/2009 liema rikors sar a tenur tal-artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpanniji ;*

*6. Illi permezz ta` decizjoni moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fl-10 ta` Jannar 2012 (Dok. "B1" – anness) li, ghal dak li ghandu x`jaqsam*

*mas-socjeta` esponenti hija finali (vide l-annessa decizjoni ta` dina l-Onorabbli Qorti (Dok. "B2"), dina l-istess Onorabbli Qorti qabel ma dahlet fil-mertu tat-talbiet promoturi ta` dik il-procedura, laqghet l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tas-socjeta` esponenti u ghalhekk liberat is-socjeta` esponenti mill-osservanza tal-gudizzju, liema eccezzjonijiet testwalment jghidu :*

*"1. Illi s-socjeta` WCO Limited mhiex il-legittimu kuntradittur fil-kawza odjerna u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li hija mghandha l-ebda interess guridiku toqghod fil-kawza u hija estranja ghall-pretensjonijiet u t-talbiet maghmula fir-rikors promotur, u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*2. Illi tant is-socjeta` esponenti tharrket inutilment illi dan il-fatt jirrizulta anke prima facie mir-rikors promotur stess. L-ebda pretensjoni mhi diretta lejn is-socjeta` esponenti u l-ebda talba ma tista` tirrispondi ghaliha s-socjeta` WCO Limited".*

*7. Illi huwa car u manifest illi dan il-precitat mandat ta` sekwestru in kwantu dirett lejn is-socjeta` esponenti sar b`malizzja u li kien intiz biss biex jivvessa lis-socjeta` esponenti u sabiex jfixkel l-operat taghha. Ghalhekk fil-kaz odjern, minghajr pregudizzju ghar-rimedji l-ohra spettanti lis-socjeta` rikorrenti biex titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex timponi s-sanzjoni kontemplat fl-Artikolu 836(8) huwa sottomess bir-rispett illi, a tenur tal-artikolu 836(9) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, fil-kazijiet li jaqghu that is-subartikolu (8) tal-precitat artikolu 836, il-Qorti tista`, meta jsirilha rikors mill-persuna li kontriha jkun hareg l-att kawtelatorju, tikkundanna lir-rikorrent li fuq talba tieghu jkun inhareg il-mandat kawtelatorju sabiex ihallas dawk id-danni lil dik il-persuna li hija setghet garrbet bil-hrug tal-mandat ;*

*8. Illi s-socjeta` esponenti, milquta bil-precitat mandat ta` sekwestru kawtelatorju malizzjuz u vessatorju, kkonsultat lill-Awditur taghha rigward il-konsegwenzi ta` dan, peress li dak iz-zmien kellha loan mal-Bank of Valletta, (Euro 350,000), li kienet obbligata thallas lura permezz ta` pagamenti mensili ta` €3,500 kull pagament, dan mbarra impenji ohra ;*

*9. Illi skont kif jirrizulta mill-ittra datata l-31 ta` Awwissu 2009 rilaxxjata mill-Awditur Carm A. Fenech (Dok. "C" – anness), jekk il-precitat mandat kawtelatorju kien ser jibqa` fis-sehh, dan kien ser iwassal biex l-introjti ta` kera li s-socjeta` esponenti kienet tircievi regolarment minghand l-inkwilini kienu ser jigu depositati il-Qorti (stante li l-ammont sekwestrat permezz tal-mandat ta` sekwestru precitat ma kienx gie kollu depozitat taht l-*

*awtorita` ta` dina l-Onorabbli Qorti mis-sekwestrati l-ohra), u s-socjeta` esponenti ma kienx ser ikollha mezzi biex tlahhaq mal-hlas lura tal-precitat dejn li hi kellha mal-Bank of Valletta ;*

*10. Illi ghalhekk ittiehdet decizjoni fi hdan il-Bord tad-diretturi tas-socjeta` esponenti biex jigu depositati bizzejjed flus biex jigi kopert il-bilanc tal-allegat kreditu ndikat fil-fuq imsemmi mandat kawtelatorju li sa dakinhar kien ghadu mhux kopert, u b`hekk tal-anqas, is-socjeta` esponenti setghet tkompli tigbor kera dovuta lilha u b`hekk jithallsu l-pagamenti mensili lil Bank of Valletta, u b`hekk jigi skansat il-periklu ta` danni aktar gravi kif indikat mill-Awditur innifsu ;*

*11. Illi permezz ta` cedola ta` depozitu bin-numru 1370/2009 datata t-13 ta` Novembru 2009 fid-29 ta` Ottubru 2009 (Dok. "D" – anness) il-Bank of Valletta pls appropriat is-somma komplessiva ta` sbatax-il elf mija u sitta u erbghin Euro (€17,176.00) u ddepositat €16,816 minn dik is-somma taht l-awtorita` ta` dina l-Onorabbli Qorti u utilizzat ir-rimanenti €319.60 sabiex jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez allegatament minnhom inkorsi fl-istess depozitu ;*

*12. Illi mill-precitata somma ta` €17,176.00, €11,000.00 ittiehdu mill-kont tas-socjeta` esponenti kif jirrizulta mill-precitata cedola ta` depozitu bin-numru 1370/2009 waqt li l-bilanc ittiehed minn kont iehor tas-sekwestrata Gabriella Carbonaro ;*

*13. Illi biex seta` jsir id-depozitu precitat tal-flus tas-socjeta` esponenti s-socjeta` esponenti hadet facilita` gdida ta` overdraft u fuq liema overdraft kellha thallas imghaxijiet, u dan skont kif jirrizulta mill-anness (Dok. "E" – anness) ;*

*14. Illi l-flejjes depozitati permezz tal-precitata cedola ta` depozitu gew zbankati biss in segwitu ghal talba ghall-izbank relattiv (vide l-annessa kopja li hija mmarkata bhala Dokument "F") li saret wara li kien inhareg kontromandat mis-sekwestranti bil-ghan li jitnehhu l-effetti tal-precitat mandat ta` sekwestru kawtelatorju numru 1384/09 (Dok. "A") u liema zbank gie approvat minn dina l-Onorabbli Qorti fit-12 ta` Novembru 2013 hekk kif jirrizulta mill-istess Dokument "F" ;*

*15. Illi ghalhekk, is-socjeta` esponenti sofriet danni li ghalihom huma unikament responsabbli s-sekwestranti, u cioe`` l-intimati odjerni, u*

*ghalhekk huma l-istess intimati odjerni li ghandhom jaghmlu tajjeb ghal tali danni billi jirrifonduhom lis-socjeta` esponenti s-somma komplessiva ta` erbat elef u tlieta u sebghin Euro u wiehed u sittin cent (€4,073.61), u liema danni huma kwantifikati hekk kif gej :*

*i. €3,520.00 li huma imghaxijiet fuq il-kapital depositat ta` €11,000.00, bir-rata ta` 8% fis-sena skont l-artikolu 1047 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta, mit-13 ta` Novembru 2009 sat-12 ta` Novembru 2013 ;*

*ii. €434.81 li huma spejjez tal-precitata cedola ta` depozitu appropriata mill-Bank of Valletta Bank (€319.60) (vide l-anness Dokument "F"), bl-imghaxijiet ;*

*iii. €118.80 li jirraprezentaw iprocessar tal-facilita` bankarja (euro 90.00) (vide l-anness Dokument "E"), bl-imghaxijiet.*

*16. IIlli l-esponent nomine jaf bil-fatti kif fuq esposti personalment ;*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi, is-socjeta` esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha :-*

*1) Tiddikjara li, minhabba l-fuq premess, l-intimati Perit Raymond Vassallo u martu Mariella Vassallo huma passabbli ghad-danni a tenur tal-artikolu 836(9) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta peress illi l-precitat mandat ta` sekwestru, in kwantu dirett lejn is-socjeta` esponenti, sar b`malizzja u li kien intiz biss biex jivvessa lis-socjeta` esponenti, u sabiex ifixkel l-operat taghha.*

*2) Tillikwida d-danni precitati kkagunati mill-intimati Perit Raymond Vassallo u martu Mariella Vassallo fis-somma komplessiva ta` erbat elef u tlieta u sebghin Euro u wiehed u sittin cent (€4,073.61).*

*3) Tikkundanna l-intimati Perit Raymond Vassallo u martu Mariella Vassallo sabiex ihallsu lis-socjeta` esponenti l-precitati danni hekk likwidati; u dan a tenur tal-artikolu 836(9) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*Bl-ispejjez u b`rizerva ta` kull azzjoni ohra spettanti lis-socjeta` esponenti skond il-ligi.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikor promotur.

Rat ir-risposta tal-Perit Raymond Vassallo u martu Mariella Vassallo ("**l-intimati**") li kienet prezentata fl-14 ta` Marzu 2014 u taqra hekk :–

*1. ILLI preliminarjament, dan ir-rikors huwa irritu u null billi huwa wiehed minn zewg rikorsi maghmula kontestwalment mis-socjeta` WCO Limited, cioe` r-rikors prezenti 107/14JZM u r-rikors 109/14JZM, li huma inkompatibbli in kwantu s-socjeta` rikorrenti qeghda titlob kemm penali kif ukoll danni dwar l-istess mandat. L-esponent ihoss illi kwalunkwe penali, fil-kaz illi l-Qorti tapplikha, tinkludi jew tkopri l-element ta` danni, waqt li kwalunkwe kundanna ghal danni tkopri element ta` penali.*

*2. ILLI fit-talba ghall-hrug tal-mandat mill-esponenti ma kien hemm ebda talba kapriccjuza jew malizzjuza jew in mala fede kif allegat u ghalhekk ma hemmx lok ghal danni kif pretiz. Ma kien hemm xejn abbuziv jew vessatorju fil-hrug tal-mandat, izda esercizzju legittimu ta` dritt kawtelatorju.*

*3. ILLI f`Awissu 2009, l-esponent Perit Raymond Vassallo kien ghamel il-kawza 842/2009 JZM liema kawza ghada sub judice. Kontestwalment ma` dik il-kawza huwa kien talab u ottjena mandat kawtelatorju kontra xi whud mill-konvenuti f`dik il-kawza li taw lok, permezz tal-korraborazzjoni taghhom, ghal "danni prezenti u futuri kkalkolati ai fini ta` dan il-mandat naxxenti minn malgestjoni u abbuz flagranti, konflitt ta` nteress tad-doveri ta` direttur fit-termini tal-Companies Act", kif tajjeb gie kkwotat fil-para 3 tar-rikors 107/14 JZM ta` WCO Limited.*

*4. ILLI s-sekwestru ta` €100,000 kontra l-konvenuti Anthony u Ingrid Parlato Trigona, William u Gabriella Carbonaro, WCO Limited u TPT Limited, sar ghaliex, skont ir-rikorrent Vassallo, huma kkollaboraw fl-abbuzi ta` kunflitt ta` nteress li taw lok ghad-danni prezenti u futuri, riferiti fil-paragrafu precedenti.*

*5. ILLI fil-kawza 842/2009 JZM, gew imharrka wkoll konvenuti ohra ghal ragunijiet ta` procedura taht l-Art. 402. Dawn kienu jinkludu s-*

*socjetajiet Parade Limited, Windsor Holdings Limited, Winex Holdings Limited u Regent Holdings Limited. Infatti, dawn is-socjetajiet sfaw vittmi tal-abbuzi allegati minn Vassallo da parti tal-konvenuti l-ohra, u huwa ma kellu l-ebda pretiza per se kontrihom. Anzi l-azzjoni tieghu kienet intiza biex tipprotegihom jew biex tikkawtela kumpens favurihom. Il-Perit Raymond Vassallo ddikjara lilu nnifsu bhala azzjonista u/jew direttur ta` dawn l-erba socjetajiet. Fil-kaz ta` Windsor Holdings Limited huwa membru second tier, permezz tas-sehem tieghu ta` 50% tal-ishma ta` Parade Limited, liema socjeta` in its turn, ghandha 50% tal-ishma ta` Windsor Holdings Limited.*

*6. ILLI l-konjugi Parlato, konjugi Carbonaro, Parade Limited, Windsor Holdings Limited, WCO Limited u TPT Limited, bhala konvenuti fil-kawza 842/2009 JZM kolla eccepew illi ma kinux il-legittimi kontradittur.*

*7. ILLI fl-ewwel digriet preliminarju, moghti fil 30 ta` Settembru 2010, il-Qorti cahdet dawn l-eccezzjonijiet fil-kaz tal-konjugi Parlato Trigona u konjugi Carbonaro, izda laqghet it-talba tas-socjeta` Windsor Holdings Limited biex tigi liberata mill-gudizzju billi rriteniet illi r-rikorrent ma kienx membru dirett jew first tier, izda second tier, f`din is-socjeta. Il-Qorti tal-appell ikkonfermat id-digriet fir-rigward tas-socjeta` Windsor.*

*8. Izda fil-kas tas-socjetajiet Parade Limited, WCO Limited u TPT Limited, il-Qorti qalet hekk :*

> *"Skont l-atti akkwiziti jirrizulta hekk -*
>
> *1) Illi r-rikorrent Raymond Vassallo huwa membru ("azzjonista") tal-intimata WCO Limited, tal-intimata TPT Limited, tal-intimata Regent Holdings Limited, u tal-intimata Winex Holdings Limited.*
>
> *2) Illi r-rikorrenti Raymond Vassallo u martu Mariella Vassallo huma diretturi tal-intimata Winex Holdings Limited.*
>
> *3) Illi l-istess rikorrent la huwa direttur u lanqas azzjonista tal-intimata Parade Limited."*

***"Ghalhekk din il-Qorti tghid li, fir-rigward tal-intimata Parade Limited, it-tielet eccezzjoni taghha qeghda tkun milquha ghar-raguni li r-rikorrenti ma jistghux jidderigu l-azzjoni taghhom skont l-Art. 402 tal-Kap 386 kontra din l-intimata...."***

*Inoltre, fil-pagna 20 tal-istess digriet, il-Qorti qalet :*

*"Jirrizulta li r-rikorrent Raymond Vassallo, bhala "membru" tal-intimati WCO Limited, TPT Limited, Regent Holdings Limited u Winex Holdings Limited ipproceda skond l-Art.402 kemm kontra l-intmati konjugi Parlato Trigona, konjugi Carbonaro u konjugi Micallef bhala "membri" ta xi wahda jew aktar minn dawk il-kumpaniji kif ukoll kontra l-istess imsemmija kumpaniji. Mela limitatament ghall-imsemmija intimati, l-azzjoni tar-rikorrent kienet intavolata korrettement."*

*9. ILLI wara li nghata d-digriet riferit, ir-rikorrent Vassallo, talab lill-Qorti permess biex jappella d-decizjoni fir-rigward tas-socjeta` Parade Limited billi din giet bazata fuq valutazzjoni fattwalment zbaljata fis-sens illi, kontra dak li fehmet il-Qorti, Vassallo kellu 50% tal-ishma tas-socjeta` Parade Limited. Il-Qorti tal-Appell qalbet id-decizjoni tad-digriet tal-30 ta` Settembru, u b`hekk, is-socjeta` Parade Limited giet ri-integrata bhala konvenuta leggittima fil-kawza 842/2009 JZM.*

*10. ILLI f`digriet iehor moghti fil-10 ta` Jannar 2012, il-Qorti lliberat lis-socjetajiet TPT Limited u WCO Limited mill-osservanza tal-gudizzju billi qalet hekk :*

*"Kienu ezibiti l-memorandum u l-articles of association tal-intimata TPT Limited u tal-intimata WCO Limited. Skont dawn id-dokumenti, ma jirrizultax li r-rikorrenti huma azzjonisti jew diretturi taghha".*

*Apparti li din l-istqarrija kkontradixxiet l-istqarrija precedenti tal-istess Qorti kif kwotata fil-paragrafu 9 aktar `l fuq, jidher illi l-Qorti regghet waslet ghal valutazzjoni fattwalment zbaljata fis-sens illi ghall-kuntrarju ta` dak ritenut minnha jirrizulta bhala fatt illi r-rikorrent Vassallo kien u ghadu membru tas-socjetajiet TPT Limited u WCO Limited. Ghal kull bwon fini qeghda tigi annessa kopja ta` l-Annual Return ta` WCO Limited ghas-sena 2009 meta l-esponent Vassallo fetah il-kawza 842/2009JZM. Minn dan id-dokument jirrizulta car illi r-rikorrent Raymond Vassallo kien membru tas-socjeta` WCO Limited.*

*11. ILLI fid-dawl tad-digriet manifestament dubbjuz tal-10 ta` Jannar 2012, ir-rikorrent Perit Raymond Vassallo rega talab lill-Qorti permess biex jappella d-decizjoni dwar WCO Limited, bhalma kien ghamel fil-kaz tad-digriet dwar is-socjeta` Parade. Minkejja lli Vassallo semplicement*

*irrepeta l-procedura accettata tlett xhur qabel, il-Qorti cahdet il-permess mitlub ghax qalet illi din id-darba d-dritt tal-appell kien awtomatiku u ma kienx hemm bzonn il-permess taghha. Minhabba din it-teknikalita` legali r-rikorrent tilef l-opportunita` li jappella d-digriet in kwestjoni u baqa` minghajr rimedju fir-rigward ta` d-digriet dwar WCO Limited.*

*12. Dak id-digriet ta hafna arja lill-Perit William Carbonaro li, bhala segretarju tas-socjeta` WCO Limited fetah mhux kawza wahda, izda sahansitra zewg kawzi kontra l-esponenti, biex jipprova jakkwista l-akbar benificcju pekunarju possibbli mid-digriet riferit. L-ewwel kawza hija dik prezenti, cioe` 107/14JZM fejn ir-rikorrenti Carbonaro nomine qed jitlob hlas ta` danni allegatament sofferti mis-socjeta` WCO Limited billi l-"mandat ta` sekwestru in kwantu dirett lejn is-socjeta` esponenti sar b`malizzja u li kien intiz biss biex jivvessa lis-socjeta` esponenti u jfixkel l-operat taghha".*

*13. L-esponent Vassallo sejjer issa jispjega r-ragunijiet li ggustifikaw is-sejha ta` WCO Limited fil-kawza 842/2009JZM u ghalhekk ukoll, il-mandat kawtelatorju kontra WCO Limited bhala wahda mill-konvenuti mdahhla fil-kunflitt ta` nteress li kkawza jew setgha potenzjalment jikkawza danni prezenti u futuri lis-socjetajiet fejn Vassallo kellu ishma.*

*14. Fil-lagha tat-7 ta` Jannar 2008 tal-Bord tas-socjeta` Winex, Vassallo kien ippropona illi s-salarju ta` tal-impjegat ewlieni taghha, Tony Parlato Trigona jizdied mill- €1,500 fix-xahar proposti mill-intimat William Carbonaro, ghal €2,500 fix-xahar. Il-proposta giet accettata bil-kundizzjoni, izda, lli Winex kellha tfittex ufficcju ndipendenti minn 44 Regent House fi Triq Bisazza, Sliema, sal- 31 ta` Marzu 2008.*

*15. Vassallo kien insista ghal din il-kundizzjoni ghal tlett ragunijiet, cioe` :-*

*a) Biex Parlato Trigona ma jkomplix jippartecipa fl-operazzjoni tal-hruq ta` Visas ghat-Tailandja u b`hekk ikun jista jezegwixxi minghajr tfixkil ir-rwoli tieghu bhala mpjegat full-time mas-socjeta` Windor. Iz-zieda fis-salarju ta` Parlato kienet intiza bhala kumpens ghat-telf ta` ntrojtu li seta jsofri mit-terminazzjoni tieghu fl-operat tal-Visas.*

*b) Vassallo ma kienx kuntent illi l-operat tas-socjeta` Winex kien qed jitmexxa bl-istess infrastruttura digitali (computers) u mill-istess ufficcju*

*fejn Carbonaro, bhala konslu tat-Tajlandja kien jikkonduci l-operat tal-Visas, u dan minhabba li Vassallo kien iqis dak l-operat vizzjat minn evazjoni fiskali.*

*c) Gja kien hemm problema fil-kuntest tal-Art. 143 tal-ligi dwar il-kumpanniji, fis-sens illi d-diretturi tas-socjeta` Winex kienu anki diretturi ta` socjetajiet kompetitrici tal-imsemmija Winex. Din il-problema kienet ser issir aktar akuta jekk Parlato Trigona jopera u jipprova jikri l-ufficcji ta` Winex mill-binja Regent House fejn is-socjeta` tieghu TPT Limited kella ufficcji ghal kiri. Aktar minn hekk, kien ghal kollox inaccettabbli li Parlato Trigona imexxi s-socjeta` Winex minn ufficcju tas-socjeta` WCO Limited li kella spazju ghall-kiri kemm fl-istess sular fejn kien hemm l-ufficcju 44, Regent House, kemm ukoll fi tlett sulari ohra fl-istess binja.*

*16. Infatti, Parlato Trigona u Carbonaro sahansitra involvew lis-socjetajiet taghhom TPT Limited u WCO Limited f`konjura li sfidat ir-rizoluzzjoni tas-7 ta` Jannar 2008 u li holqot jew accentwat kunflitt ta` nteress bi skapitu car ghas-socjeta` Winex, u b-oppressjoni u pregudizzju ngust kontra l-attur Vassallo bhala azzjonista minoritarju f-erba socjetajiet li taghhom Parlato Trigona kellu r-rwol doppju ta` Financial Controller u segretarju. Din is-sitwazzjoni ghada hekk sal-lum, u hija nkwadrata f`il-lanjanzi (i), (ii), (iii) u (xi), fir-rikors promotur tal-kawza 842/2009 JZM.*

*17. F`Lulju tas-sena 2009, Carbonaro u Parlato Trigona kienu abbuzaw il-maggoranza taghhom fil-Bord billi awtorizzaw pagamenti ta` €10,000 lill-xulxin – cioe` lil WCO Limited u lil Parlato Trigona personalment, f`manifestazzjoni sfaccata ta` kunflitt ta` nteress u ta` frodi. Dan l-abbuz issemma fil-lanjanzi (vii) u (xii) fil-rikors promotur.*

*18. L-audited accounts tas-socjeta` Winex, bazati fuq draft accounts preparati mill-istess Parlato Trigona, u approvati unanimament mid-diretturi u mill-azzjonisti kollha tas-socjeta` Winex fil-laqghat annwali generali matul bosta snin, kienu jindikaw illi s-socjeta` Winex kellha tiehu xi €10,000 mis-socjeta` Windsor Holdings. L-esponent Vassallo kien ilu jinsisti ma` Carbonaro biex huma t-tnejn, bhala firmatarji tas-socjeta` Windsor, jiffirmaw ic-cekk mehtieg biex id-debitu ta Windsor jigi saldat. Vassallo indika lli ma kienx sewwa illi huma, bhala diretturi fiz-zewg socjetajiet, japprofittaw mill-interess personali taghhom ghas-skapitu tal-azzjonisti passivi li kienu fdawhom. Carbonaro, izda pprefera li l-flus jibqghu fis-socjeta` Windsor fejn il-familja tieghu kella 50% tal-ishma, flok jghaddu ghand is-socjeta` Winex, fejn sehmu kien 13%. Carbonaro rrifjuta jiffirma c-cekk favur Winex. Is-*

*sitwazzjoni lahqet stat oxxen fejn flus ta` Winex kienu qed jghaddu bhala kera mhallsa minn Winex lil TPT Limited, liema socjeta` kienet in its turn thallas il-kera lil WCO Limited, cioe` s-socjeta` appartenenti lil William Carbonaro, meta fl-istess waqt dan kien qed jostakola l-hlas tal-kreditu dovut lil Winex.*

*19. Fid-dawl ta` dawn ir-ragunijiet kolla, l-attur Vassallo hass illi kellu kull gustifikazzjoni jsejjah lis-socjeta` WCO Limited bhala intimata fil-kawza 842/2009JZM u jinkludiha bhala wahda mill partijiet sekwestrati fil-mandat mitlub minnu, billi din is-socjeta` kienet partecipi diretta f`l-abbuzi li sehhew (u li ghadhom isehhu) u li kienu u ghadhom qed jikkagunaw danni prezenti u futuri lis-socjeta` Winex.*

*20. Issa fir-rendikont anness mal-affidavit prezentat mill-attur Vassallo fil-kawza 842/2009JZM id-danni stmati minnu lahhqu s-somma ta` €174,765, mentri s-sekestru lmentat fir-rikors ta` WCO Limited huwa ghas-somma ta` €100,000 dirett kontra sitt konvenuti li s-socjeta` WCO hija wahda minnhom. Infatti, fir-rikors odjern 107/14JZM, is-socjeta` WCO qed tillimita l-ilment taghha ghas-somma sekwestrata ta` €11,000. Fl-opinjoni umli tal-esponent din is-somma tirraprezenta ammont ferm bilancjat fil-kuntest tas-somma ta` €174,765 stmata ghad-danni nvokati kontra s-sitt sekwestrati.*

*21. L-esponent, bhala l-attur fil-kawza 842/2009 qatt ma seta` jkejjel jew iressaq provi dwar xi somma preciza ghad-danni attribwibbli lil WCO Limited. Ghalhekk huwa rrikorra ghal metodologija fejn alloka danni lill-persuni flok lis-socjetajiet intimati. Din il-metodologija ma tfissirx li m`hemmx danni attribwibbli lis-socjeta` WCO Limited, jew li ma kienx hemm potenzjal ghal dawn id-danni, prima facie meta nfethet il-kawza. Tfisser biss illi meta Vassallo hejja r-rendikont tlett snin wara, huwa ghazel li jalloka d-danni in kwestjoni fuq il-persuni msemmija anki jekk xi parti ta` dawn id-danni setghet tikkjama lis-socjetajiet WCO u TPT.*

*22. L-esponent jikkontendi wkoll illi l-esercizzju tal-kawtela, adottat minnu, kien fil-kuntest ta` esercizzju legittimu ta` dritt. Jaghmel riferenza ghall-gurisprudenza, per ezempju John Zarb v Port Cottonera Ltd (PA TM 18 ta` Settembru 2002) u Francis Spiteri et v Charles Darmanin et (PA JRM 15 ta` Awissu 2010): gie enfassizat hawnhekk illi biex tigi mposta danni jew penali, jrid ikun hemm mala fide, vessatorieta` jew negligenza grossolana. Certament, din il-Qorti hija konxja bit-travagli quddiemha tar-rikorrenti, li largament ghadhom ma wassluha mkien (hlief ghal dibattiti procedurali fuq locus standi, second tier shareholding, metodu ta` rikors etc).*

*23. Fi kwalunkwe kaz u f`l-aghar xenarju, il-prertiza ta` €4,073.61 m`hijiex korretta billi din hija mahduma fuq rata ta` nteressi ta` 8% waqt li r-rata attwali sofferta fuq xi self addizzjonali hija 5.45% kif konfermat fid-dokument `E` prezentat mill-socjeta` rikorrenti.*

*24. Id-dikjarazzjoni fil-paragrafu 10 tar-rikors mhi xejn konvincenti. Huwa car illi l-ammont ta` €11,000 sekwestrat mill-kont bankarju tas-socjeta` rikorrenti kien parti minn ammont akbar ta` €17,176, depozitat mill-Bank of Valletta fit-13 Novembru 2009, permezz tac-cedola 1370/09, liema ammont kien anki jinkludi flus sekwestrati mill-kont bankarju ta` Gabriella Carbonaro. Dan ma jinkwadrax mal-allegazzjoni li l-Bord tas-socjeta` ddecida jiddeposita xi bilanc residwali biex tiskansa xi periklu ta`danni. Infatti, mid-dokument `E` prezentat mis-socjeta` rikorrenti, jirrizulta li s-socjeta` ottjeniet facilita` ta` overdraft ghall-ammont ta` €30,000, cioe` kwazi t-tripplu ta` dak sekwestrat ghal htigijiet ta` working capital.*

*25. L-esponent jirrileva lli meta hu talab is-sekwestru u ddeduca l-kawzali fil-kawza 842/2009 JZM, huwa agixxa bil-bona fidi u ma setghax ikollu hjiel illi tlett snin wara, is-socjeta` WCO Limited kienet ser tigi mehlusa mill-gudizzju fuq punt legali, wisq anqas fuq svista jew fuq apprezzament fattwalment zbaljat dwar ir-realta` li huwa kien membru tas-socjeta` intimata. Ghal din ir-raguni, ma kien hemm l-ebda malizja, jew vessatorieta jew negligenza grossolana fl-agir tal-esponent.*

*26. Ghal kull bwon fini, l-esponent jirrileva lli n segwitu ghal senjalazzjoni ta` din il-Qorti, il-partijiet kienu rtiraw is-sekwestri kawtelatorji kollha kontra xulxin, li kienu jlahhqu xi €120,000 kontra kull naha. Infatti, l-esponent kien l-ewwel wiehed li talab u ottjena l-kontromandati li lliberaw il-flus sekwestrati lin-naha l-ohra li issa zbankathom, inkluza s-somma ta` €11,000 sekwestrata lis-socjeta` WCO Limited, u li issa giet zbankata wkoll.*

*27. Forsi l-Qorti tiftakar illi l-esponent kien wera certa skumdita meta l-Qorti ghamlet is-senjalazzjoni taghha dwar it-tnehhija tas-sekwestri. Donnu hass illi kien ser jisfa vittma ta` process one-sided. Hija haga ta` dispjacir illi l-izbank ta` €120,000 sekwestrati lilu ghadu ma sehhx minhabba ostakoli li hu jattribwixxi lill-istess Perit William Carbonaro.*

*28. It-tnehhija tas-sekwestri kienet intiza bhala l-ewwel pass lejn attentat biex tintlahaq rizoluzzjoni amikevoli tat-tilwim bejn il-partijiet, kif senjalat bosta drabi minn din il-Qorti. L-esponent ghamel mill-anqas zewg proposti lill-parti l-ohra f`dik id-direzzjoni, l-ahhar wahda saret recentement permezz tal-medjatur Dr. Kris Borg. Din il-proposta kienet tahseb biex :*

- *Decizjonijiet u digriet ga moghtija mill-Qrati jigu mplementati*
- *L-esponent jirtira l-kawzi maghmula minnu (minghajr talba li n-naha l-ohra taghmel l-istess), izda bl-eccezzjoni tal-kawza 750/2009 JZM anki ghax il-partijiet jaghrfu lli ma jistghux jikkoezistu fis-socjeta` Regent Holdings Limited.*
- *Illi kull naha thallas l-ispejjes taghha.*
- *Illi kull naha tibqa b`dak li ghandha minghajr ma tiftah kawzi godda.*

*Hija haga ta` dispjacir illi din l-ahhar proposta tal-esponent jidher illi qed tigi frustrata bhas-solltu mill-Perit William Carbonaro, kif jirrizulta mir-rikors odjern 107/14 JZM u mir-rikors tewmi 109/14 JZM imressqa minnu.*

*29. L-esponent jitlob illi l-Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi hu ghamel il-parti tieghu meta kkoopera biex tnehhew is-sekwestri kontra n-naha l-ohra u biex jigu zbankati l-flejjes relativi - kooperazzjoni ma gietx reciprokata specjalment da parti tal-Perit Carbonaro.*

Semghet ix-xiehda tal-Perit William Carbonaro fl-udjenza tal-15 ta` Lulju 2014 u rat id-dokument li pprezenta.

Semghet ix-xiehda tal-Perit Raymond Vassallo fl-udjenza tal-10 ta` Marzu 2015 u rat id-dokumenti li pprezenta.

Rat il-verbal tal-partijiet fl-udjenza tas-26 ta` Mejju 2015 fejn talbu li kwalsiasi prova li saret fil-procediment tal-lum tkun tghodd bhala prova fil-procediment l-iehor bejn l-istess partijiet bin-nru 109/2014 JZM.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tat-13 ta` Ottubru 2015 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Sintesi tal-provi

**Perit William Carbonaro** xehed illi fid-19 ta` Awissu 2009, WCO Ltd irceviet mandat ta` sekwestru kawtelatorju ghall-ammont ta` €100,000. Il-mandat ikkawza hafna diffikulatjiet lill-kumpannija. Ighid illi fil-kors tal-kawza bejn il-partijiet bin-nru 842/2009 JZM, Vassallo ma ndikax l-ammont li kien qed jippretendi bhala danni minghand WCO Limited. F`dik il-kawza, WCO Limited giet estromessa mill-kawza b`decizjoni tal-qorti li jfisser li kien giet imharrka bla bzonn u ghaliex gara hekk garrbet danni. Fil-fatt il-bank issekwestra €11,000 li kienu flus ta` WCO Limited. Il-kumpannija kellha hafna mpenji finanzjarji mal-banek. Fil-procediment tal-lum, kienu qeghdin jintalbu l-interessi mitlufa fuq il-€11,000 li damu depozitati l-Qorti ghal erba` snin. Vassallo kien accetta li WCO Ltd ma kellhiex thallsu danni.

**Perit Raymond Vassallo** xehed illi huwa kien membru/azzjonista ta` WCO Ltd. Fl-2012, kien ghadu membru. Meta pprezenta r-rikors ghall-hrug tal-mandat ta` sekwestru, ma kien hemm l-ebda malizzja. Huwa kellu kull gustifikazzjoni li jinvolvi lil WCO Ltd bhala konvenuta fil-kawza bin-nru 842/2009 JZM. Ighid illi kienet diga` saret talba ghar-revoka tal-mandat li kienet michuda. Jinsisti li WCO Ltd kienet komplici fil-konflitt ta` interess accertat fil-Perit William Carbonaro u d-diversi interessi li ghandu f`numru ta` kumpanniji. Ighid illi sar sfruttament ta` l-infrastruttura li kien igib dannu ; ghalhekk dahhal lil WCO Ltd fil-kawza. Ladarba kien maghruf illi Parlato Trigona ma kellux ikompli jopera mill-ufficcju, mela WCO Ltd ma kellhiex tibqa` tircievi kera. Wara li thallset il-kera ghall-ewwel tlett xhur ta` 2008 direttament minn Winex Limited lil WCO Ltd, inbidlet it-tattika – skond Perit Vassallo – b`mod illi l-kera bdiet tithallas lil TPT Ltd. Insista li m`ghandu jkun kostrett ihallas ebda danni billi kull ma sar kien legittimu u kull ma ghamel kien illi kkawtela d-drittijiet tieghu.

## III. L-ewwel eccezzjoni

L-intimati ressqu eccezzjoni preliminari. Jeccepixxu l-irritwalita` u n-nullita` tar-rikors tal-lum, ghaliex kontestwalment ma` dan, ir-rikorrenti pprezentat rikors iehor bin-nru 109/14 JZM, fejn iz-zewg rikorsi huma nkompatibbli in kwantu r-rikorrenti qeghda titlob kemm penali kif ukoll danni dwar l-istess mandat. L-intimati jsostnu li kwalunkwe penali ghandha

tinkludi jew tkopri l-element tad-danni, waqt li kwalunkwe kundanna ghall-hlas ta` danni ghandha tkompri l-penali.

L-argument li qieghed iservi ta` sfond ghal din l-eccezzjoni mhuwiex kondiviz mill-Qorti.

Minn esami tad-disposizzjonijiet, jidher li l-legislatur haseb ghal zewg sitwazzjonijiet : istanza fejn jista` jintalab hlas ta` penali, liema talba **tista`** ssir kontestwalment ma` talba ghal revoka ta` mandat skont l-Art 836(8) tal-Kap 12 ; u istanza fejn tista` jintalab hlas ta` danni, liema talba **ghandha** ssir bi procedura separata skont l-Art 836(9) tal-Kap 12.

**L-Art 836(8)** jaqra :-

*Il-qorti tista` tikkundanna lir-rikorrent li jkun inhareg att kawtelatorju fuq talba tieghu sabiex ihallas penali ta` mhux inqas minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69) u mhux izjed minn sitt elef disa` mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il centezmu (6,988.12) li jmorru ghand il-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju, f`kull kaz minn dawn li gejjin :*

*(a) jekk ir-rikorrent, minghajr raguni valida, ma jaghmilx il-kawza dwar it-talba fiz-zmien stabbilit bil-ligi ;*

*(b) jekk, fit-talba tal-konvenut ghat-tnehhija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiggustifika li l-att kawtelatorju kellu jinhareg jew illi fi zmien hmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors ghall-hrug tal-att kawtelatorju, huwa jkun b`xi mod talab lill-konvenut li jhallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà bizzejjed: Izda d-disposizzjonijiet ta` dan il-paragrafu ma ghandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm ragunijiet ta` urgenza ghall-hrug tal-mandat ;*

*(c) jekk ic-cirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jaghtux lok ghal xi dubju ragonevoli dwar il-likwidità tieghu udwar il-kapacità finanzjarja tieghu li jhallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qaghda tad-debitur kienet maghrufa sew ;*

*(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b`malizzja, tkun frivola jew vessatorja*

Fejn tidhol penali, ghalkemm il-Qorti ghandha diskrezzjoni takkordax penali nkella le, fil-kaz li takkorda, il-legislatur stabilixxa ammont minimu (€1,164.69) sa ammont massimu (€6,988.12) ta` kemm il-Qorti tista` takkorda.

**<u>L-Art 836(9)</u>** jaqra :-

*Fil-kazijiet li jaqghu taht is-subartikolu ta` qabel dan, il-qorti tista`, meta jsirilha rikors mill-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju, tikkundanna lir-rikorrent li fuq talba tieghu jkun inhareg il-mandat kawtelatorju sabiex ihallas dawk id-danni lil dik il-persuna li hija setghet garrbet bil-hrug tal-mandat, u f`kawzi bhal dawk il-qorti ghandha tara u tuza l-iskritturi tal -procedimenti tal-att kawtelatorju u ta` kull procediment iehor li johrog jew jitnissel minnu, u dawk l-iskritturi ghandhom jitqiesu bhala prova ammissibbli ghall-finijiet ta` din l-azzjoni.*

Diversament mill-kaz tal-penali, fil-kaz ta` danni, il-Qorti ghandha l-awtorita` li tistabilixxi kwalunkwe ammont, purche` ssir il-prova tad-danni skont il-ligi.

Minn qari ta` dawn id-disposizzjonijiet, ma jirrizultax li azzjoni teskludi lill-ohra. Anzi jidher li r-rimedji huma distinti minn xulxin, u ghandhom natura diversa, anke fir-rigward ta` kif jistghu jintalbu u dwar kif jistghu jigu likwidati.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda <u>tichad</u> l-ewwel eccezzjoni**.

**IV. <u>L-istanza tar-rikorrenti</u> :**
**<u>Gurisprudenza</u>**

Ir-rikorrenti qeghda titlob il-hlas ta` danni skont l-Art 836(9) tal-Kap 12, ghar-raguni kontemplata fl-Art 836(8)(d) tal-Kap 12.

Dwar din id-disposizzjoni, din il-Qorti (**<u>PA/LSO</u>**) fil-provvediment illi tat fl-Atti tal-Mandat ta` Sekwestru fl-ismijiet "**<u>Maria Theresa sive Marthese Thorn vs Alfred Saliba</u>**" qalet :-

*"Bl-emendi ghall-artikolu 836 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili li dahlu fis-sehh in forza ta` lAtt XXIV tal-1995, il-legislatur*

*irrikonoxxa r-responsabbilita` ghad-danni tal-parti li titlob u tottjeni l-hrug ta` mandat kawtelatorju kemm-il darba jirrikorru c-cirkostanzi imsemmija fl-istess artikolu. F`dan ir-rigward li t-talba ghall-hlas ta` danni, hija intimament konnessa mal-mod kif intalab il-hrug tal-mandat kawtelatorju u c-cirkostanzi kollha prima facie li wasslu l-istess sabiex tali talba tintlaqa` mill-Qorti."*

Fil-provvediment illi tat din il-Qorti (**<u>PA/GC</u>**) fis-6 ta` April 2001 fil-kawza "**<u>Joseph Parnis et vs Raymond Pace et</u>**" inghad kjarament illi fil-kazi kontemplati mil-ligi l-esekutat ta` mandat ghandu r-rimedji li jipprovdu l-Art 836(8) u (9) tal-Kap 12. Tghid :-

*"L-artikolu 873(7) jaghti l-poter lill-qorti kompetenti biex takkolji mandat ta` inibizzjoni provizorjament cioe` ghal zmien qasir u that dawk il-pattijiet u kondizzjonijeit li l-qorti jidhirlha opportuni u xierqa. Ma hemmx dubju li l-effetti u l-konsegwenzi ta` meta mandat ta` inibizzjoni jigi akkolt provizorjament huma ezattament l-istess bhal meta l-istess mandat jigi akkolt b` mod definittiv. Min jissubixxi l-hrug tal-mandat sew jekk provizorjament sew jekk definittivament ghandu jieqaf milli jaghmel dak lijkun qed jaghmel. Id-differenza hi li meta l-mandat jigi akkolt provizojament iz-zmien li fih ghandu jsehh il-mandat jista` jkun qasir u limitat. Ghalhekk il-provedimenti tal-imsemmi artikolu 836(8) huma applikabbli anke meta l-mandat ta` inibizzjoni jkun biss akkolt provizorjament. Min jissubixxi l-hrug provizorju ta` mandat ta` inibizzjoni jista` jsofri danni, anke ingenti u dan ghandu r-rimedju tieghu f` dak li hemm dispost fl-istess artikolu 836(8) u (9)."*

L-istess kien accettat ukoll mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri (<u>AE</u>) fil-kawza "**<u>Piju Borg vs Mary Calleja</u>**" fejn inghad :-

*" ... (b) Il-mandati kawtelatorji jinhargu fuq ir-responsabilita` ta` min jitlob il-hrug taghhom. Jinkombi fuq ic-cittadin id-dover li ma jabbuzax minn dan id-dritt u jekk jabbuza jkun ritenut responsabbli ghad-danni provokati b` tali abbuz. L-Artikolu 829 tal-Kap 12 jaqra: `Kull persuna tista` minghajr ma hu mehtieg li qabel ikun hemm decizjoni, tqieghed fiz-zgur il-jeddijiet taghha bil-mezz ta` wiehed jew izjed mill-atti kawtelatorji hawn taht imsemmija, illi wara li jigu mharsa minn dik il-persuna l-kondizzjonijiet li jrid dan il-Kodici, jigu mahruga u esegwiti taht ir-responsabbilita` tieghu.`*

*... (c ) ... Hekk ukoll "il-fatt li minn jottieni l-ispedizzjoni ta`mandat kawtelatorju jibqa` sokkombenti fil-gudizzju li l-mandat kien intiz jikkawtela mhuwiex wahdu, raguni sufficjenti biex jigu akkordati lill-ezekutat id-danni u l-interessi, imma kull kaz ghandu jigi trattat skond il-mertu tieghu, billi*

*jittiehdu f` kalkolu u apprezzament ic-cirkostanzi kollha ta` dak il-kaz, qabel ma` wiehed jikkonkludi sija ghar-responsabbilita` li ggib dritt ghal indenizz, sija ghal eskluzzjoni ta` dak id-dritt.” (**Edward Rizzo vs Joseph cost Chretien pro et noe** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-7 ta` Ottubru 1954).*

*(d) Il-vessatorjeta` twassal ghar-responsabilita`. Min ikun adixxa lill-qorti ghall-hrug ta` mandat kawtelatorju u jkun ibbaza t-talba fuq cirkostanzi manifesti `priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promossa si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell` istanza e delle conseguenze giuridiche che ne derivano non e` sufficiente a legittimare una domanda per danni da parte del vincitore nella lite` (sentenza riportata fil-Volum XXVI.i.405 – **Mugliette vs Bezzina**). Fil-kawza fl-ismijiet **Jane Spiteri vs Nicholas Camilleri** deciza mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili (Onor Imhallef J. Said Pullicnio) gie rilevat li : `l-element tal-vessatorjeta` jimplika certu grad ta` kolpozita`, ta` kattiverija..Element ta` vessatorjeta` ikun jimplika abbuz tad-dritt ta` azzjoni gudizzjarja. Il diritto cessa dove cominica l` abbuso…riteniamo che diritto cessa dove cominicia l` abbuso…riteniamo che basta, per proteggere tutti gli interessi che ne sono basata, per protteggere tutti gli interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano I bisogni della societa, di aderire al concetto generale che tutti I diritti hanno dei limiti.”*

Il-principju tad-dritt huwa li l-jedd li persuna ghandha li tirrikorri ghar-rimedji gudizzjarji m`ghandux jigi wzat bi hsieb fieragh jew b`mod vessatorju. Inoltre abbazi tal-principji generali tar-responsabilita` ghad-danni, ebda persuna ma tista` tabbuza mill-process gudizzjarju u jekk jirrizulta ppruvat l-abbuz u ghax ikun sar dak l-abbuz issir hsara, allura min ikun ikkommetta l-abbuz ghandu jwiegeb ghall-hsara.

Fis-sentenza li tat din il-Qorti (**PA/JRM**) fil-25 ta` Mejju 2005 fil-kawza “**Paul Attard noe vs Loreto Abela**” inghad hekk :-

*“Il-Qrati taghna dejjem gharfu wkoll li l-jedd li wiehed idur ghal rimedji gudizzjarji ma ghandux jitbiddel f`abbuz tal-procedura bil-hsieb li, biex idejjaq jew b`mod fieragh, igib lill-parti avversarja f`qaghda li jkollha ccedi ghar-rikatt, ghandha jew m`ghandhiex ragun. Kien ghalhekk ukoll li fil-qafas ta` kwestjonijiet ta` din l-ghamla, il-Qrati taghna, minn zmien ghal zmien, fissru l-limiti u c-cirkostanzi dwar fejn u kif jista` jitqies li jkun sehh abbuz mill-process gudizzjarju bi hsara ghal haddiehor…Illi, generalment, l-abbuz mill-procedura gudizzjarja jitqies biss f`kazijiet eccezzjonali li, x`aktarx, jintrabtu mal-qerq tal-persuna li tkun irrikorriet ghaliha jew mal-frugha tal-pretensjoni nfisha. Fejn ikun hemm element ta` agir fieragh fi*

*procedura gudizzjarja, dan normalment jixhed l-abbuz tal-process gudizzjarju …*

*Illi, minbarra dan, l-azzjoni ta` min ikun garrab danni minhabba t-tehid ta` procedura gudizzjarja mibdija minn haddiehor hija wahda li l-Qrati taghna qiesu sa minn zmien sewwa qabel ma ddahhlet procedura specjali fil-Kodici Procedurali fl-1995….Il-Qorti irriteniet li azzjoni bhal din tista` titressaq minn kull persuna li ggarrab hsara fi hwejjigha minhabba att gudizzjarju hekk mahrug. Ir-raguni ewlenija hi li, kif inghad, il-bazi tal-azzjoni huwa l-applikazzjoni tal-principju generali tar-responsabbilta` ghad-danni. Dak il-principju jrid li kull min igib hsara lil kull haddiehor b`ghamil jew b`nuqqas li ghalih iwiegeb, irid jaghmel tajjeb ghal dik il-hsara. Il-ligi ma taghrafx jekk il-persuna mgarrba kinitx fil-hsieb jew fil-mira tal-persuna li tkun ghamlitilha dik il-hsara: il-kriterju huwa r-rabta bejn l-ghamil u l-hsara li dak l-ghamil ikun gab fuq il-persuna jew hwejjigha."*

F`din id-decizjoni, il-Qorti qalet ukoll illi r-responsabilita` ghal danni m`hijiex limitata biss ghall-erba` cirkostanzi kontemplati fl-Art 836(8) :

*"F`dan ir-rigward inghad li ghalkemm ir-ragunijiet li ghalihom min ikun talab u kiseb il-hrug ta` Mandat kawtelatorju jista` jinsab hati ghad-danni ma jintrabtux biss mal-erba` cirkostanzi msemmija fl-artikolu 836(8), taht ir-regoli generali tar-responsabbilta` irid jintwera li tali persuna tkun mexxiet b`imprudenza, traskuragni jew nuqqas ta` hsieb ta` missier tajjeb tal-familja"*

Fl-istess sens kienet id-decizjoni ta` din il-Qorti (**<u>PA/TM</u>**) tat-18 ta` Settembru 2002 fil-kawza "**<u>John Zarb vs Port Cottonera Limited</u>**" fejn inghad :-

*"Din il-Qorti, ghalhekk, fil-waqt li tista` taqbel li c-cirkostanzi ta` meta min ikun hareg mandat kawtelatorju jista` jinsab responsabbli ghad-danni, mhux limitat ghal dak provdut fl-artikolu 836 (8) tal-Kap 12, thoss li r-responsabbilta` trid tohrog mill-applikazzjoni tal-artikolu 1031 u 1032 tal-Kodici Civili (Kap 16), b`mod li jkun responsabbli biss jekk jagixxi b`imprudenza, b`negligenza jew mhux bil-hsieb ta` bonus pater familias"."*

Fis-sentenza li tat din il-Qorti (**<u>PA/TM</u>**) fis-7 ta` Lulju 2004 fil-kawza "**<u>Blye Engineering Co Ltd vs Paolo Bonnici Ltd</u>**" kien riaffermat il-principju li min jitlob u jikseb il-hrug ta` mandat kawtelatorju jista` jinstab responsabbli ghal danni mhux biss ghar-ragunijiet li huma ndikati fl-Art 836(8). Tant hu hekk illi persuna tista` tkun ritenuta wkoll responsabbli

ghad-danni skont l-Art 1031 u 1032 tal-Kap 16, ghalkemm il-Qorti tistqarr illi difficli ferm li wiehed jahseb li hemm ragunijiet barra dawk elenkati fl-Art 836, fejn l-azzjoni in generali tista` tirnexxi.

Tghid il-Qorti :-

*"Huwa biss meta persuna tagixxi kapriccjosament jew b`mala fede, li hija tista` tkun responsabbli ghad-danni li jsegwi l-agir irresponsabbli taghha.*

*Fil-waqt li c-cirkustanzi ta` meta min ikun hareg Mandat kawtelatorju jista` jinstab responsabbli ghad-danni, mhux limitati ghal dak provdut fl-artiklu 836(8) tal-Kap. 12, ir-responsabilita` trid tohrog mill-applikazzjoni tal-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodici Civili (Kap. 16), b`mod li jkun responsabbli biss jekk jagixxi b`imprudenza, b`negligenza jew mhux bil-hsieb ta` bonus paterfamilias.*

*Huwa principju fundamentali illi min jezercita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f`dan l-ezercizzju ikun responsabbli ghall-hsara li bhala konsegwenza jista` jbaghti haddiehor, in omagg ghall-massima "qui suo iure utitur, non videtur damnum facere", bil-konsegwenza li d-dritt ghar-rikors ghall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li l-ezercizzju tieghu mic-cittadin m`ghandu bl-ebda mod jigi mxekkel.*

*Tali dritt tac-cittadin ghar-rikors lejn il-Qorti m`ghandux jigi abbuzat;...Tali abbuz jigi riskontrat biss f`kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f`kazijiet ta` vessatorjeta` nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negligenza gravament kolpuza fejn min ikun adixxa lill-Qorti ghall-hrug ta` tali mandat kawtelatorju ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti nieqsa minn kull fondament kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u b`hekk il-procedura promossa tirrizulta vessatorja. Izda apprezzament zbaljat tal-fatti u tal-konsegwenzi guridici derivanti mill-istess mhux bizzejjed sabiex tigi legittimata talba ghad-danni mill-parti rebbieha fil-kawza.*

*Dan l-ahhar principju huwa bbazat fuq il-fatt li l-element ta` vessatorjeta` jimplika abbuz tad-dritt ta` azzjoni gudizzjarja, min jagixxi in mala fede jew minhabba zball grossolan jista` jigi kkundannat ihallas id-danni.*

*Tali kazijiet ma eliminawx per principju l-azzjoni generali ghad-danni fuq riferita fis-sentenzi citati ai termini tal-Artikolu 1031 tal-Kap16, dejjem fil-kuntest u b`konsegwenza ta` dritt ta` azzjoni, pero` in verita` u fil-prattika tali azzjoni, diretta ghall-hrug ta` Mandati kawtelatorji, giet illum kristalizzata bl-istess Artikolu 836(9). Dan ghaliex l-istess artikolu introdott*

*bil-ligi tal-1995, ikkodifika u applika l-principji elenkati fil-gurisprudenza ta` qabel in materia, dwar l-ezercitazzjoni ta` azzjoni ta` danni wara il-hrug ta` mandat kawtelatorju, u minn ezami tal-istess ragunijiet hekk elenkati, huwa difficli li wiehed jahseb li hemm ragunijiet barra dawk elenkati fl-istess Artikolu 836, fejn l-azzjoni in generali tista` tirnexxi."*

Decizjoni ohra hija li tat din il-Qorti (**PA/TM**) hija dik tat-3 ta` Lulju 2003 fil-kawza "**Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et**". Hemm il-Qorti fissret illi l-mandati kawtelatorji ghandhom skop preciz u ghandhom jintuzaw biex jigu salvagwardjati l-interessi ta` min jitlob il-hrug taghhom, mhux biex jaghmlu pressjoni fuq il-pretiz debitur jew ghall-pika jew ghal xi hsieb malizzjuz iehor. Il-kreditur ghandu dritt jitlob il-hrug ta` kull mandat permess bil-ligi, pero` ghandu jikkontrolla l-effetti tal-mandat hu stess u jekk jara li hu kopert aktar milli hu mehtieg, ghandu jirregola ruhu u jitlob hu stess li jkun tnaqqis jew thassir ta` mandat partikolari. Il-mandat mhux intiz bhala magna ta` estorzjoni, izda ghandu jigi adoperat bil-prudenza li jixraq. L-abbuz jista` u ghandu jigi sanzjonat bl-imposizzjoni tal-penali.

Referenza ohra hija ghas-sentenza li tat din il-Qorti (**PA/AJM**) fl-1 ta` Ottubru 2001 fil-kawza "**Louis Gauci et vs Giuseppa Gauci et**". Hemm l-atturi kienu talbu li l-konvenuti jigu dikjarati responsabbli ghad-danni fil-konfront taghhom, billi l-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni, skont huma, ma kienx gustifikat. Il-mandat fixkel lill-atturi fl-izvilupp tal-propjeta` bil-konsegwenza li kien hemm telf ta` introjtu u spejjez ohra. B`risposta ghal dan, il-konvenuti sostnew li l-mandat ta` inibizzjoni nkiseb legalment, u li l-atturi ma kellhomx dritt juzurpaw il-proprjeta` taghhom. Fil-kors tal-kawza, irrizulta li t-tieni parti ta` l-eccezzjoni ma kenitx korretta, billi kif kien stabbilit b`sentenza li segwiet il-mandat, il-konvenuti la kellhom il-pussess tal-art, u lanqas setghu jivvantaw titolu. Ghalhekk il-Qorti kellha tqis jekk kienx minnu li f`dak il-kaz kellu japplika l-principju "*qui suo jure utitur neminem ledit*" u cioe` li hadd ma jista` jinzamm responsabbli ghal danni meta jkun agixxa fil-limiti tad-drittijiet koncessi lilu mil-ligi. Fil-konsiderazzjonijiet taghha, il-Qorti spjegat li huwa minnu li min jippretendi li ghandu xi dritt fuq proprjeta` li allegatament kien kommess spoll fuqha, ghandu d-dritt li mhux biss jagixxi gudizzjarjament sabiex jottjeni rikonoxximent ta` dak id-dritt izda wkoll li jiehu dawk il-passi kollha mehtiega inkluz l-ispedizzjoni ta` mandat ta` inibizzjoni sabiex jassigura dak id-dritt. Madanakollu l-Qorti ghamlitha cara li f`dak il-kaz il-hrug tal-mandat ma kienx mehtieg, u ghalhekk kien hemm konsegwenzi x`jigu assunti :-

*"Izda dan l-allegat dritt jrid jkollu fundament guridiku u s-semplici fatt li qorti, fuq prova prima facie, tilqa` t-talba ghall-hrug ta` mandat, ma*

*jissodisfax il-principju fuq imsemmi. Issa mill-provi prodotti jirrizulta definittivament li l-konvenuti odjerni ma kellhomx dritt li jitolbu s-spedizzjoni tal-mandat ta` inibizzjoni imsemmi. Dan billi skond is-sentenza tas-7 ta` Marzu 1997, hua ma kellhom qatt il-pussess tal-art in kwistjoni u b` din is-sentenza, kif fuq inghad, l-istess konvenuti ma pprovawx xi dritt ta` proprjeta` fuq l-istess art. Issa skond xhieda prodotta mill-attur…jidher li l-konvenuti bl-ebda mod ma riedu jafu b` arrangjamenti u meta gew avvicinati minn dawn il-persuni urew l-animu li jibqghu jkaxkru l-kwistjoni fil-qrati anke bi spiza konsiderevoli ghalihom.*

*Illi bl-emendi ghall-artikolu 836 tal-Kodici ta` Organizazzjoni u Procedura Civili li dahlu fis-sehh in forza ta` l-Att XXIV tal-1995, il-legislatur irrikonoxxa r-responsabbilita` ghad-danni tal-parti li titlob u tottjeni l-hrug ta` mandat kawtelatorju kemm`il darba jirrikorru c-cirkostanzi msemmija fl-istess artikolu. Fost dawn ic-cirkostanzi hemm dik ta` meta jirrizulta li t-talba ghall-hrug tal-mandat tkun saret b` malizja, jew tkun frivola u vessatorja.*

*Illi fic-cirkostanzi fuq imsemmija din il-Qorti hija tal-fehma li mhux biss l-mandat ma kellux jinhareg, kif del resto ddecidiet din il-qorti diversament preseduta, izda li ukoll bi buona volonta`, il-konvenuti odjerni, setghu facilment bl-intervent ta` perit arkitett, irrikonoxxew dan il-fatt u b` hekk l-attur odjern kien jibqa` jgawdi pienament l-proprjeta` tieghu."*

## V. <u>Legittimita` tal-istanza</u>

Ai termini tal-Art 836(9) tal-Kap 12, il-Qorti tat konsiderazzjoni ghall-atti tad-diversi procedimenti bejn il-partijiet sabiex tislet minnhom jekk ikun il-kaz provi li huma ammissibbli ghall-finijiet tal-azzjoni odjerna. Minn qari ta` dawn l-atti, jidher li l-mandat in kwistjoni sar sabiex jikkawtela l-pretensjonijiet tal-konjugi Vassallo kif dedotti fil-kawza bin-nru 842/2009 JZM.

Din il-Qorti mhijiex tikkondividi l-argument ta` WCO Limited illi l-evidenza li l-kisba tal-mandat kien intiz biex jivvessaha temergi mill-fatt li l-Qorti kif ippreseduta lliberat lil WCO Limited mill-osservanza tal-gudizzju.

Din il-Qorti tqis illi l-fatt wahdu li kien deciz illi WCO Limited ma kenitx legittima kontradittrici fil-kawza li segwiet il-mandat ma jammontax ta` bilfors ghall-prova illi l-mandat fil-konfront ta` WCO Limited kien vessatorju, fieragh u malizzjuz.

Il-Qorti hija obbligata tqis dawn l-elementi fil-kuntest tal-provi akkwiziti.

Dan qed jinghad peress li minn qari tar-rikors fil-kawza bin-nru 842/2009 JZM jidher li l-konjugi Vassallo kienu spjegaw l-allegat involviment ta` WCO Limited fic-cirkostanzi li wasslu ghall-presentata tar-rikors. Hemm jinghad infatti li :-

*(xii) … illi f`Lulju 2009, l-intimati abbuzaw mill-maggoranza fil-Bord ta` Windsor Holdings Limited biex ghaddiet rizoluzzjoni li tawtorizza lill-intimat Carbonaro sabiex jiffirma cheques favur il-partijiet li dehrilhom huma, selettivament u dan b`ezempju sfaccat ta` "backscratching" billi tnejn mit-tliet cheques sostanzjali kienu wiehed ghall-kumpanija ta` Carbonaro , cioe` WCO Limited u l-iehor ghal Parlato Trigona ;*

…

*(xvi) … illi f`mument xi snin ilu, il-proprjeta` tas-socjeta` Windsor Holdings Limited f`Regent House, Bisazza Street, Sliema nqasmet bejn socjetajiet appartenenti lill-azzjonisti. Gara illi l-intimat Anthony Parlato Trigona li kien ifforma socjeta` TPT Limited kien jikri kamra minn ghand is-socjeta` WCO Limited, kumpanija tal-familja ta` William Carbonaro. Il-kera li TPT kienet thallas lil WCO Limited kienet tingabar minn ghand Winex Holdings Limited biex tghaddihom lil WCO bhala kera ghall-kamra b`mod illi effettivament il-kera lil WCO kien jinhareg minn Winex Holdings Limited. Fl-istess waqt, Carbonaro kien jichad il-firma tieghu ghall-pagament tad-debitu dovut minn Windsor Holdings Limited lil Winex Holdings Limited. Dan huwa ennesimu kaz ta` konflitt ta` interess u oltragg tad-doveri tad-diretturi."*

Ghal din il-Qorti jidher li l-hsieb tal-konjugi Vassallo li jinkludu lil WCO Limited fil-kawza bin-nru 842/2009 JZM ma kienx illi joholqu vessazzjoni fil-konfront taghha izda ghax dehrilhom li WCO Limited kellha tkun fil-kawza, pretensjoni li kienet respinta minn din il-Qorti certament mhux ghal ragunijiet ta` vessazzjoni da parti tal-konjugi Vassallo.

Dan premess il-Qorti tirrimarka li milli rrizulta mill-istess procediment ma tressqet l-ebda prova dwar kemm il-konjugi Vassallo kienu qed jippretendu bhala danni minghand WCO Limited. Infatti mill-kalkoli li ghamel il-Perit Vassallo fil-kawza bin-nru 842/2009 JZM imkien ma jsemmi

quantum ta` danni li fil-fehma tieghu kienet responsabbli li thallashom WCO Limited.

Dan il-fatt jaghti zvolta differenti fil-kuntest tal-mandat li huwa proprju dak li qed isir fil-procediment tal-lum.

Jekk ladarba l-konjugi Vassallo ma kellhomx danni kwantifikabbli x` jirreklamaw direttament minn WCO Limited, ma kellux ikun hemm htiega li jintalab u jinkiseb mandat propju kontra WCO Limited.

Issa fir-risposta tieghu, precizament fil-paragrafi 20 u 21, il-konjugi Vassallo jsostnu illi meta thejja r-rendikont ghad-danni ghall-fini tal-kawza bin-nru 842/2009 JZM huwa ma qghadx jaghmel distinzjoni bejn l-intimati Carbonaro u l-kumpaninja taghhom WCO Limited jew bejn l-intimati Parlato Trigona u l-kumpannija taghhom TPT Limited, billi – skont hu – kellu jkun hemm *lifting of the corporate veil* anke ghaliex Carbonaro u Parlato Trigona libsu hafna "*gkieket*" differenti.

Din il-Qorti ma tarax li dan huwa argument validu.

Kwalunkwe mandat ma jistax isir sempliciment ghall-fini *ta` fejn laqat laqat* u cioe` biex jolqot lil kull min jista` jkun involut ; izda ghandu jsir kontra dawk il-persuni biss li allegatament huma debituri jew responsabbli. Dana peress li l-hrug ta` mandat kawtelatorju mhijiex sitwazzjoni felici kif jaf ben tajjeb il-Perit Vassallo meta lmenta fil-kawza bil-kawza nru 842/2009 JZM dwar mandat li kien sar kontra tieghu u martu lejliet it-tieg ta` binthom. Ladarba go mohh ir-rikorrenti, ma rrizulta li kien dovut l-ebda ammont direttament dovut minn WCO Limited izda semmai minn Carbonaro de proprio, allura l-mandat ma messux sar fil-konfront ta` WCO Limited, stante li f`kaz ta` ezitu favorevoli fil-kawza nru. 842/2009 JZM, u f` kaz li WCO Limited baqghet parti fil-kawza, WCO Limited xorta wahda ma kinitx ser tkun ikkunndannata thallas danni.

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghar-rikors ta' appell a fol 51 et seq fejn kien ikkonfermat minn Vassallo li fir-rigward tal-kawza nru 842/09 JZM, kienu kkwantifikati d-danni kontra kull parti rispettiva li "*fosthom la kien hemm Windsor, lanqas WCO u TPT. L-esponenti ezebixxa bhala addendum man-nota tieghu il-kwanitifikazzjoni ezatta u kontra min.*"

**Tenut kont ta` dan kollu, il-Qorti hija sodisfatta li l-inkluzjoni ta` WCO Limited fil-mandat de quo taqa` fil-parametri tal-Art 836(8)(d) tal-Kap 12.**

## VI. Il-prova tad-danni

Determinata l-istanza skont l-Art 836(8)(d) tal-Kap 12, il-Qorti sejra tghaddi ghall-prova tad-danni pretizi mir-rikorrenti.

Il-Qorti taghmel riferenza ghall-provvediment li tat il-Qorti tal-Magistrati (Malta) (**GBV**) fit-18 ta` Lulju, 2011 fl-Atti tal-Mandat ta` Qbid Nru 2978/2010 fl-ismijiet : "**Richard Cranston Vs Kenneth William Donaldson**".

Inghad hekk :-

*"L-Artikolu 836(9) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta jipprovdi li fil-kazijiet li jaqghu taht is-subartikolu ta` qabel dan, il-qorti tista`, meta jsirilha rikors mill-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju, tikkudanna lir-rikorrent li fuq talba tieghu jkun inhareg il-mandat kawtelatorju sabiex ihallas dawk id-danni lil dik il-persuna li hija setghet garrbet bil-hrug tal-mandat, u f`kawzi bhal dawk il-qorti ghandha tara u tuza l-iskritturi tal-procedimenti tal-att kawtelatorju u ta` kull procediment iehor li johrog jew jitnissel minnu, u dawk l-iskritturi ghandhom jitqiesu bhala prova ammissibbli ghall-finijiet ta` din l-azzjoni. Ghalkemm il-kundanna ghall-hlas tad-danni sofferti mid-debitur li kontra tieghu inhareg Mandat kawtelatorju hija marbuta mal-kazijiet elenkati fis-subartikolu (8) ta` l-Artikolu 836 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta ... id-debitur li jitlob il-likwidazzjoni u konsegwenti kundanna hlas tad-danni ghandu jipprova b`mod sodisfacenti d-danni minnu effettivament sofferti bil-hrug tal-mandat kawtelatorju kontra tieghu.*

*Fin-nuqqas ta` tali prova, ghad illi l-Qorti tista` ssib li jissussitu wiehed jew iktar millkazijiet elenkati fl-Artikolu 836(8) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta, it-talba ghall-likwidazzjoni u konsegwenti kundanna hlas tad-danni ma tistax tigi milqugha (**Visual and Sound Communications Ltd. v. Mario Camilleri et,** Citaz. Nru. 1509/97RCP deciza mill-Prim` Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta` Frar 2002; **Vincent Mercieca v. George Galea,** Citaz. Nru. 745/95RCP deciza mill-Prim` Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta` Novembru 2001.)"*

Ir-rikorrenti qeghda tippretendi risarciment ta` dawn l-ammonti in linea ta` danni :-

<u>€3,520.00</u> :
imghaxijiet fuq il-kapital depositat ta` €11,000.00 bir-rata ta` 8% fis-sena skont l-Art 1047 tal-Kap 16 mit-13 ta` Novembru 2009 sat-12 ta` Novembru 2013.

<u>€434.81</u> :
spejjez tac-cedola ta` depozitu li ghamel il-Bank of Valletta bl-imghaxijiet.

€118.80 :
Spejjez ghall-ipprocessar tal-facilita` bankarja (€90.00) bl-imghaxijiet.

Dwar id-danni allegatament imgarrba, ir-rikorrenti spjegat fir-rikors taghha li skont ma rrizulta mill-ittra datata 31 ta` Awwissu 2009 tal-Awditur Carm A. Fenech (Dok C) jekk il-mandat kawtelatorju kien ser jibqa` fis-sehh, dan kien ser iwassal sabiex l-introjti ta` kera li r-rikorrenti kienet tircievi regolarment minghand l-inkwilini taghha kienu ser jigu depositati l-Qorti bil-konsegwenza li ma kienx ser ikollha mezzi biex tlahhaq mal-hlas lura ta` dejn li kellha mal-Bank of Valletta plc li kienet obbligata thallas lura permezz ta` pagamenti ta` €3,500 kull xahar. Ghalhekk kien deciz illi jigu depositati bizzejjed flus biex ikun kopert il-bilanc tal-allegat kreditu ndikat fil-mandat kawtelatorju li sa dakinhar kien ghadu mhux kopert, u b`hekk tal-anqas, WCO Limited setghet tkompli tigbor il-kera biex tkompli thallas dak li kellha taghti lill-Bank of Valletta plc.

Ir-rikorrenti pprezentat kopja ta` cedola ta` depozitu bin-numru 1370/2009 (Dok D) fejn in segwitu ghal dan il-mandat, u ghal mandat ta` sekwestru iehor bin-nru 1587/2009, il-Bank of Valletta plc zamm is-somma komplessiva ta` €17,176 ta` Gabriella Carbonaro u tar-rikorrenti, u effettwat depozitu ta` €16,816 minn dik is-somma taht l-awtorita` ta` l-Qorti, wara li naqqset l-ammont ta` €319.60 ghall-ispejjez tad-depozitu. Skont ir-rikorrenti, mill-ammont ta` €17,176.00, is-somma ta` €11,000.00 ittiehdet mill-kont taghha, kif jirrizulta mic-cedola ta` depozitu bin-nru 1370/2009, waqt li l-bilanc ittiehed minn kont iehor tas-sekwestrata Gabriella Carbonaro.

Dan premess, il-Qorti tirrileva li din il-prova ma tirrizultax mill-atti ta` c-cedola.

Minn esami tac-cedola, jirrizulta li c-cedola qeghda tghid semplicement illi l-Bank of Valletta plc kellu ghandu s-somma ta` €17,716.00c appartenenti lil Gabriella Carbonaro u WCO Limited.

Ir-rikorrenti naqset li tipprova kemm kien il-quantum tal-ammont li kien depozitat fil-kont taghha mal-Bank of Valletta plc.

Li fir-rikors ta` zbank ezebit bhala Dok F hemm indikat li WCO Limited kellha €11,000 mentri Gabriella Carbonaro kellha €5,856.40c mhijiex l-ahjar prova skont il-ligi tal-ammont li kien tar-rikorrenti. Ma kellux ikun hemm l-icken xkiel ghar-rikorrenti li ggib bhala l-ahjar prova l-kontijiet tal-bank taghha mnejn il-konteggi kienu jirrizultaw mill-ewwel.

Inoltre skont ir-rikorrenti biex seta` jsir id-depozitu tal-flus taghha, kellha tiehu facilita` gdida ta` overdraft, li fuq dan imbaghad kellha thallas l-imghax (Dok E). Madanakollu Dok E juri illi l-overdraft li ttiehdet kien ta` €30,000 mhux ta` €11,000. Ghala d-diskrepanza ma jirrizultax. Il-prova li l-overdraft ittiehed biex isir il-hlas hija nsodisfacjenti sal-grad rikjest mil-ligi.

Dwar l-argument li gabet ir-rikorrenti illi kellha tiehu l-overdraft sabiex tiddepozita l-€11,000, il-Qorti tirrimarka li d-data ta` l-approvazzjoni ta` l-overdraft u cioe` 16 ta` Novembru 2009 (Dok E) tigi wara d-data tac-cedola ta` depozitu li ghamel il-Bank of Valletta plc u cioe` 13 ta` Novembru 2009 (Dok D). Anke din hija prova ohra ndikattiva li l-overdraft ma sarx minhabba l-mandat.

Ghalhekk ebda wiehed mit-tliet ammonti reklamati bhala danni ma kien ippruvat sal-grad rikjest mil-ligi. Infatti dwar is-somma ta` €3,520 relatat mal-kapital ta` €11,000, il-Qorti diga` esprimiet ruhha. Dwar l-ammont ta` €434.81 (li jinkludi l-ispejjez tad-depozitu tal-Bank of Valletta plc) il-Qorti tqis illi c-cedola kienet tirrigwarda sekwestrata ohra kif ukoll mandat iehor ta` sekwestru ; ghalhekk il-Qorti mhijiex sejra taghti konsiderazzjoni lill-pretensjoni tar-rikorrenti, apparti li ma tressqux provi sal-grad rikjest mil-ligi dwar liema preciz ammont kien jirrigwarda b`mod esklussiv lir-rikorrenti fl-ambitu biss tal-mandat in kwistjoni. Dwar l-ahhar ammont, il-Qorti ssostni li ma kienx ippruvat sal-grad rikjest mil-ligi li l-overdraft ittiehdet minhabba l-mandat.

**Ghalhekk it-tieni u t-tielet talbiet qeghdin jigu respinti.**

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi r-rikors billi :**

**Tichad l-eccezzjonijiet.**

**Tilqa` l-ewwel talba.**

**Tichad it-tieni u t-tielet talbiet.**

**Tordna li l-ispejjez ta` dan il-procediment ghandhom jithallsu in kwantu ghal nofs mir-rikorrenti WCO Limited u in kwantu ghan-nofs l-iehor mill-intimati Perit Raymond u Mariella konjugi Vassallo.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**